**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 223/2008 AF**

**Charles Fava**

**vs**

**Emanuel Fava u**
**Joseph Fava**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Charles Fava tal-4 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Id-*decuius* Francis Fava, missier il-kontendenti, miet fi-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl-età ta' erba' u tmenin (84) sena fl-isptar San Luqa, kif jirrizulta fic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat **Dok. A**.

Id-decuius u martu Antonia Fava in forza ta' testment *unica charta* in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disa' u disghin (1999), hawna nness u markat **Dok. B**, innominaw bhala eredi universali taghhom lit-tliet uliedhom u cioé lil

Joseph, Emanuel (il-konvenuti) u Carmelo sive Charles (l-attur) u thallew is-segwenti prelegati: lill-konvenut Joseph Fava, l-appartament numru tnejn (2) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru jismu "Charles Flats", f'Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u l-bejt tal-imsemmi korp in komun mal-appartament ta' tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u s-sotterran bla numru però jgib l-isem ta' "Saint Francis" fi Triq Wigi Rosato, Cospicua kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm2.00; u lill-konvenut l-iehor Emanuel Fava, it-terran li qieghed il-Fgura, Hompesch Road, bla numru jismu "Antonia", kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1.85), inkluzi l-oggetti kollha mobbli li jkunu fl-istess dar dakinhar tal-mewt tal-ahhar wiehed fost il-kontestaturi eskluzi però minn dan il-prelegat l-oggetti kollha tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u eskluzi wkoll il-flus titoli u dokumenti ohra rappresentanti flus, kif ukoll gie eskluz minn dan il-prelegat it-television bil-kulur mholli lil Mariusca Fava.

Permezz ta' testment revokatorju in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) hawn anness u markat **Dok. E** *id-decuius* Francis Fava irrevoka kull testment precedenti, jigifieri dak *unica charta* in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tal-erba' u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disa' u disghin (1999) fuq imsemmi, dak in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), anness u markat Dok. C, u dak in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004), anness u markat **Dok. D**.

Permezz ta' dan it-testment revokatorju in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005), anness u markat **Dok. E**, d-*decuius* halla b'titolu ta' prelagat in piena proprjetà lill-attur it-terran li qieghed il-Fgura, Hompesch Road, li jgib in-numru mija u wiehed u sebghin (171) bl-isem ta' "Antonia", kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1.85), inkluzi l-oggetti kollha mobbli,

moblija u dak kollu li jexisti u jiggwarnixxi d-dar tal-abitazzjoni tieghu, kollox inkluz, inkluz ukoll f'dan il-prelegat l-arlogg li jinsab imdendel mal-hajt tas-salott tad-dar tal-abitazzjoni tal-istess testatur, eskluzi però minn dan il-prelegat l-oggetti kollha tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u eskluzi wkoll il-flus kontanti, titoli u dokumenti ohra rappresentanti flus, kif ukoll gie eskluz minn dan il-prelegat it-television bil-kulur mholli b'legat lil Mariusca Fava.

Fit-testment revokatorju hawn fuq imsemmi u markat **Dok. E**, it-testatur missier il-kontendenti ddikjara li l-fond li jifforma l-oggett ta' dan il-prelegat kif ukoll l-oggetti kollha mobbli go fih ezistenti, mhux kollha ta' proprjetà tieghu peress li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnu u bejn martu l-mejta Antonia Fava, però b'dana kollu hu ried u ordna li dan il-prelegat ikollu l-effett pjen tieghu u ghalhekk dan il-*prelegato di cosa altrui* huwa validu fil-ligi.

Permezz tal-istess testment id-*decuius* istitwixxa u nnomina bhala eresi universali tal-gid kollu tieghu lit-tliet uliedu Joseph, Emanuel u Carmelo sive Charles f'sehem indaqs bejniethom.

Mir-ricerki testamentarji li saru fuq id-*decuius* Francis Fava, kemm dawk li saru fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), hawn annessi u markati **Dok. G**, kif ukoll dawk li saru fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hawn annessi u markati **Dok. H**, jirrizulta illi t-testment tas-17 ta' Jannar 2005 kien l-ahar testament tad-*decuius* Francis Fava.

Fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena 2005, l-attur u l-konvenut Joseph Fava ressqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, hawn anness u markat **Dok. F**.

L-attur permezz ta' ittra ufficcjali datata 20 ta' Settembru 2006, hawn annessa u markata **Dok. I**, debitament notifikata lill-konvenuti fis-26 ta' Settembru 2006, kien talab lill-istess konvenuti sabiex jimmittuh fil-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi, inkluz l-oggetti kollha mobbli, mobilja, u dak kollu li jezisti u jiggwarnixxi d-dar tal-abitazzjoni tal-mejjet, kollox inkluz, u sabiex jersqu ghad-divizjoni tal-wirt tal-mejjet missierhom Francis Fava.

L-attur ghandu d-dritt u l-interess illi jidhol fil-pussess legali tal-prelegat fuq imsemmi fil-ligi taht l-Artikoli 721 u 726 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jimmettu lill-attur fil-pussess tal-prelegat imholli lilu in forza tat-testment tas-17 ta' Jannar 2007 konsistenti f'terran li qieghed il-Fgura, Hompesch Road, li jgib in-numru mija u wiehed u sebghin (171) bl-isem ta' "Antonia", kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' lita Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1.85), inkluzi l-oggetti kollha mobbli, mobilja u dak kollu li jezisti u jiggwarnixxi d-dar, kollox inkluz, inkluz ukoll f'dan il-prelegat l-arlogg li jinsab imdendel mal-hajt tas-salott.

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn il-genituri tal-partijiet u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali.

3. Taqsam iz-zewg porzjonijiet imsemmija fi tliet porzjonijiet ugwali li jigu assenjati lil kull wiehed mill-kontendenti.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportuni u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci, u tiffissa jum u him ghall-pubblikazzjoni tieghu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti hemm annessi, inkluz ic-certifikat tal-mewt ta' Francis Fava, t-testmenti mmarkati bhala Dok. B sa Dok E, ir-ricerki testamentarji u l-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru, 2006.

Rat ir-risposta guramentata ta' Emanuel Fava li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament ghar-rigward tal-ewwel talba tal-attur, l-azzjoni proposta hija irritwali peress illi l-Artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax peress illi l-legati in kwistjoni jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Bla pregudizzju ghas-suespost ghar-rigward tal-ewwel talba tal-attur, l-esponent jecepixxi illi huwa mhux il-legittimu kontradittur peress illi fil-15 ta' Novembru 2005 huwa iddikjara li m'accettax il-wirt lilu mis-successjoni ta' missieru Francis Fava però zamm ferm id-dritt ghad-dritt riservat skond il-ligi u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bla pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni tal-attur ghar-rigward l-ewwel talba hija ukoll irrita u nulla ghaliex naqas milli josserva dak li hu dispost fl-artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement u bla pregudizzju ukoll ghas-suespost l-azzjoni tal-attur ghal dak li jirrigwarda t-talbiet l-ohra ma tistax tirnexxi qabel ma jigu sodisfatti ir-rekwisti tal-artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponent ipprova jasal ghal soluzzjoni bonarja biex jiehu illi dak li hu dovut lilu mill-wirt tal-genituri tieghu skond il-ligi. L-attur minflok irrisponsa l-ittri tat-22 ta' Dicembru 2006 u tal-21 ta' Marzu 2007 ghazel li jibda dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv id-dritt ta' risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Fava li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament ghar-rigward tal-ewwel talba tal-attur, l-azzjoni proposta hija irritwali peress illi l-artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikaz peress illi l-legati in kwistjoni jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent jecepixxi l-intempestiva tal-ewwel talba attrici u dana ghaliex it-terminu stipulat, il-ligi li fih l-eccipjent jista' jitlob il-wirt, legat jew il-legittima lilu spettanti mis-successjoni ta' missieru Francis Fava li miet fil-15 ta' Mejju 2005 ghadu jiddekorri u l-eccipjenti ghadu, skond id-dritt lilu koncess mill-ligi, ma iddecidiex.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni tal-attur proposta fl-ewwel talba tieghu fir-rgiward hija ukoll irrita u nulla ghaliex l-attur naqas milli josserva dak li hu dispost fl-artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement u bla pregudizzju ukoll ghas-suespost l-azzjoni tal-attur ghal dak li jirrigwarda t-talbiet l-ohra ma tistax tirnexxi qabel ma jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 696 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra tieghu.

U dana minghajr pregudizzju ghad-dritt ta' risposta ulterjuri.

Rat ix-xhieda moghtija permezz ta' affidavit da parti tal-attur.

Rat ix-xhieda migbura mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-affidavit tal-perit Duncan Mifsud u l-istima tal-proprjetà immobbli hemm imsemmija.

Rat in-Nota ta' l-attur li permezz taghha pprezenta l-elenku ta' l-oggetti li jinsabu fil-fond 171, "Antonia", Triq Hompesch, Fgura.

Rat ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc flimkien mad-dokumenti pprezentati minnha mmarkati bhala Dok. AG 1 (a fol. 85-90 tal-process).

Rat ix-xhieda tal-attur tal-10 ta' Mejju, 2011.

Rat ir-rikors tal-25 ta' Ottubru, 2011 li permezz tieghu r-rikorrent talab li r-rapprezentanta tal-HSBC tigi ezentata sabiex

tixhed dwar kontijiet li kellu Francis Fava flimkien ma' terzi persuni.

Rat li din il-Qorti fl-1 ta' Novembru, 2011, laqghet it-talba.

Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc u Dok AG 2 ipprezentat minnha (a fol. 106-111 tal-process).

Rat ix-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2012.

Rat il-provi li komplew jinstemghu minn din il-Qorti.

Rat l-affidavits tal-konvenuti u d-dokumenti hemm annessi mmarkati bhala Dok EF 1 u EF 2 a fol. 131- 137 tal-process.

Rat il-kontro-ezami ulterjuri li sar lill-attur fid-29 ta' Mejju, 2013.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed iressaq talba ghal immissjoni fil-pussess ta' legat imholli lilu minn missier il-kontendenti, kif ukoll talba sabiex tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti u li ssir divizjoni tal-wirt.

Jirrizulta li d-decuius u martu Antonia Fava permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tal-24 ta' Mejju 1999, innominaw bhala eredi universali taghhom lit-tliet uliedhom, Joseph, Emanuel (il-konvenuti) u Carmelo sive Charles (l-attur) ahwa Fava u thallew is-segwenti prelegati:

Joseph Fava: (i) appartament numru 2 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u l-bejt ta' l-imsemmi korp in komun mal-appartament ta' tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens

annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u (ii) s-sotterran bla numru li jgib l-isem "Saint Francis", fi Triq Wigi Rosato, Cospicua, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm2.00.

Emmanuel Fava: it-terran bl-isem "Antonia", Hompesch Road, Fgura, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm1.85, inkluzi l-oggetti kollha mobbli li jkunu jinsabu fid-dar dakinhar tal-mewt ta' l-ahhar wiehed fost il-ko-testaturi, eskluzi però minn dan il-prelegat l-oggetti kollha tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz u eskluzi wkoll il-flus titoli u dokumenti ohra rappresentanti flus, kif ukoll gie eskluz minn dan il-prelegat televizjoni bil-kulur mholli lil Mariusca Fava.

Illi Francis Fava, wara l-mewt tal-mara tieghu, ghamel zewg testmenti ohra, wiehed, in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tat-23 ta' Dicembru, 2003 u l-iehor, in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-17 ta' Mejju, 2004.

Illi permezz ta' testment revokatorju, in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-17 ta' Jannar 2005, (li mir-ricerki rrizulta bhala l-ahhar wiehed) id-decuius Francis Fava irrevoka kull testment precedenti tieghu kemm dak *unica charta*, kif ukoll it-tnejn l-ohra li ghamel hu hekk kif imsemmija qabel u permezz ta' dan l-ahhar testment, filwaqt li istitwixxa u nnomina lit-tliet uliedu Joseph, Emanuel u Charles bhala eredi universali tieghu, f'sehem indaqs bejniethom, huwa halla b'titolu ta' prelegat lil:

Emmanuel Fava: appartament numru 1 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta' l-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' fuqu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50;

Joseph Fava: (i) appartament numru 2 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt tal-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens

annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u (ii) s-sotterran bla numru li jgib l-isem "Saint Francis", fi Triq Wigi Rosato, Cospicua, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm2.00.

Charles Fava: it-terran bl-isem "Antonia", Hompesch Road, Fgura, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm1.85, inkluzi l-oggetti kollha mobbli, mobilja u dak kollu li jezisti u jiggwarnixxi d-dar, inkluz f'dan il-prelegat l-arlogg li jinsab imdendel mal-hajt tas-salott tad-dar ta' l-abitazzjoini tat-testatur, eskluzi però minn dan il-prelegat l-oggetti kollha tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz u eskluzi wkoll il-flus titoli u dokumenti ohra rappresentanti flus, kif ukoll gie eskluz minn dan il-prelegat televizjoni bil-kulur mholli lil Mariusca Fava.

Mariusca Fava: (a) televizjoni tal-kulur tal-marka Hitachi u (b) somma ta' Lm3000, sabiex jikkompensaha ghas-servigi li din l-istess neputija rrenditlu.

Rennie Fava: televizjoni tal-kulur tal-marka Unic Line.

Illi fit-testment revokatarju fil-kaz ta' kull legat imholli, it-testatur missier il-kontendenti ddikjara li l-fond li jifforma l-oggett ta' dan il-prelegat, kif ukoll il-mobbli mhumiex kollha ta' proprjetà tieghu peress li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnu u bejn martu l-mejta Antonia Fava, però hu ried u ordna li dan il-prelegat ikollu l-effett pjen tieghu u ghalhekk dan il-*prelegato di cosa altrui* huwa validu fil-ligi.

Skond ic-certifikat tal-mewt esebit fl-atti bhala Dok. A, jirrizulta li Francesco Fava miet fil-15 ta' Mejju, 2005.

Fl-14 ta' Novembru, 2005, l-attur u l-konvenut Joseph Fava resqu ghad-dikjarazzjoni *causa mortis*.

Fl-20 ta' Settembru, 2006, l-attur talab permezz t'ittra ufficjali sabiex hutu l-konvenuti, jimmittuh fil-pussess tal-fond imholli lilu permezz tal-prelegat imsemmi u sabiex jersqu ghad-divizjoni tal-wirt ta' missierhom Francis Fava. Fin-nuqqas tal-konvenuti li jaghtuh il-pussess mitlub, l-attur ipproceda b'din il-kawza.

Mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti qieghed jippretendi illi jigi moghti l-pussess tat-terran bl-isem "Antonia", Triq Hompesch, il-Fgura, peress li ladarba l-missier kien permezz tat-testment *unica charta*, inghata l-*facoltà di variare* u ddikjara fl-ahhar testment revokatorju li l-oggett immobbli tal-prelegat, kif ukoll l-oggetti mobbli go fih ezistenti, mhumiex kollha proprjetà tieghu, peress li kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti mal-mara li mietet qablu, però b'dan kollu hu ried u ordna li dan il-prelegat ikollu l-effett pjen tieghu u ghalhekk jishaq li dan *il-prelegato di cosa altrui* huwa validu fil-ligi. Huwa jghid li kellu jaghmel din il-kawza peress li hutu bhala eredi universali flimkien mieghu, kellhom jaghtuh il-pussess tat-terran izda dawn ma ridux anzi jghid ukoll li huh Emanuel Fava, wara l-mewt tal-missier ha minn jeddu l-arlogg tal-hajt, zewg fannijiet, lampshade u figorini li fit-testment missieru kien hallielu specifikament. Huwa jghid li qieghed izomm lil hutu responsabbli ghad-danni. L-attur jistqarr ukoll ix-xewqa ta' divizjoni tal-flus li halla l-missier f'ammonti ugwali bejn it-tliet ahwa. In kontro-ezami l-attur jikkontesta kull allegazzjoni li huwa ha xi oggetti mill-imsemmija fond wara l-mewt tal-missier, huwa jghid li l-uniku oggett li kien ha kienet il-washing machine u din wara li tahielu l-missier meta dan kien ghadu haj. Xi xahar wara l-mewt ta' missieru huwa ta kopja tac-cwievet lill-hutu tad-dar tal-Fgura u jaf li z-zewg hutu marru flimkien fl-imsemmija dar peress li huma stess qalulu dan. Wara r-rikorrent biddel is-serratura tad-dar fil-Fgura, sabiex illum r-rikorrent biss ghandu access ghall-imsemmi fond. L-attur in kontro-ezami jistqarr li ghalkemm huwa jaf li fit-testment t'ommu nofs il-post thalla lil huh Manuel, madankollu missieru kien halla l-post lilu filwaqt li jikkoncedi li l-missier fl-ahhar testment tieghu, iddikjara li l-post ma kienx kollu tieghu. Huwa jzid li ma ppruvax jixtri sehem ommu, anzi sahansitra jghid li m'ghandux ghalfejn jixtrih peress li l-post qieghed fuqu! (fol. 140-141 tal-process). Jirrizulta wkoll mill-provi li omm il-kontendenti mietet fit-18 ta' Novembru, 2003 u saret id-dikarazzjoni *causa mortis* taghha minn zewgha u t-tliet ulied fis-17 ta' Mejju, 2004.

Skont il-konvenut Emanuel Fava, meta mietet l-omm huwa kien messu b'titolu ta' prelegat in piena proprjetà s-sehem taghha: (A) nofs it-terran bl-isem "Antonia", Hompesch Road,

Fgura, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm1.85, inkluzi l-oggetti kollha mobbli li jkunu jinsabu fid-dar eskluzi però minn dan il-prelegat l-oggetti kollha tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz u eskluzi wkoll il-flus titoli u dokumenti ohra rappresentanti flus, kif ukoll gie eskluz minn dan il-prelegat televizjoni bil-kulur; (B) wiehed minn sitt partijiet tal-appartament numru 1 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u l-bejt tal-imsemmi korp in komun mal-appartament ta' fuqu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u (C) wiehed minn sitt partijiet tal-oggetti kollha tad-deheb, fidda, hagar prezzjuz, flus titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus li kellha.

Mill-banda l-ohra wara li miet missieru huwa hallielu: (A) appartament numru 1 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta' l-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' fuqu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u (B) wiehed minn sitt partijiet tal- oggetti kollha tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz; u (C) terz tal-flus titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus li kellu.  Ghalhekk jispjega li permezz ta' l-ahhar testment il-missier halla lil huh l-attur, dak is-sehem mill-proprjetà (tal-Fgura) li huwa kien diga wiret minghand l-omm.

Giet prezentata nota fis-Sekond'Awla da parti tal-konvenut Emanuel Fava fil-15 ta' Novembru, 2006, (li ggib referenza 680/2006 a fol. 131 u 132 tal-process) li permezz taghha ddikjara li m'accettax il-wirt dovut lilu mis-successjoni ta' missieru filwaqt li zamm ferm id-dritt tieghu ghall-porzjoni riservata lilu skond il-ligi li qed jitlob li ghandha tigi kwantifikata.  Dan il-konvenut jikkoncedi li filwaqt li huwa minnu li ha l-arlogg ta' mal-hajt peress li nofsu kien ghadda ghandu permezz ta' wirt minghand ommu, izda jikkontendi li l-attur ha oggetti ohra mid-dar bhal washing machine, statwi u affarijiet ohra.  Huwa jikkontesta l-pretensjonijiet ta' l-attur illi l-proprjetà tal-Fgura saret kollha tieghu, apparti li l-attur qatt m'avvicinah sabiex jipprova jakkwista sehemu li huwa kien

akkwista permezz ta' wirt minghand ommhom u jhallsu l-valur gust taghha. Ghalkemm jghid li qabbad xi perit biex jistma l-proprjetajiet, il-partijiet baqghu ma qablux fuq il-valuri. Ladarba l-partijiet ma qablux fuq il-kumpens li kellu jinghata dan il-konvenut ta' nofs il-fond bl-isem "Antonia", Triq Hompesch, il-Fgura, li kien ghadda ghandu b'wirt minghand l-omm, huwa jghid li kien kostrett li ma jaccettax il-wirt u minflok talab il-legittima. Huwa jaqbel li l-kumplament ta' l-assi ghandhom jigi divizi.

Il-konvenut l-iehor Joseph Fava, jghid li l-gid kollu tal-genituri kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti peress li kollox inxtara waqt iz-zwieg tal-genituri. Meta mietet l-omm huwa kien messu b'titolu ta' prelegat:

(A)sehem taghha ta' nofs l-appartament numru 2 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt tal-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; (B) in-nofs tas-sotterran bla numru li jgib l-isem "Saint Francis", fi Triq Wigi Rosato, Cospicua, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm2.00; (C) wiehed minn sitt partijiet tal-appartament numru 1 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta' l-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' fuqu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; u (D) wiehed minn sitt partijiet tal-oggetti kollha tad-deheb, fidda, hagar prezzjuz, flus titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus li kellha.

Mentri wara ta' missieru hassar it-testmenti l-ohra kollha li kien ghamel u hallielu: (A) l-appartament numru 2 formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru bl-isem ta' "Charles Flats", Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta' l-imsemmi korp in komun ma' l-appartament ta' tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm2.50; (B) is-sotterran bla numru li jgib l-isem "Saint Francis", fi Triq Wigi Rosato, Cospicua, kif

soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta’ Lm2.00; (C) wiehed minn sitt partijiet tal-oggetti kollha tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz; u (D) terz tal-flus titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus li kellu wara li titnaqqas is-somma ta’ Lm3000 li thallew b’legat lill-Maruscha Thorton.

L-inkwiet bejn hutu nqala’ minhabba li ma kenux qeghdin jaqblu dwar l-interpretazzjoni tal-ahhar testment ta’ missierhom.  Filwaqt li l-attur jikkontendi li l-fond fil-Fgura huwa kollu tieghu, il-konvenut l-iehor jghid li dan ma jistax ikun peress li huwa kien diga wiret nofsu minghand l-omm.  Ix-xewqa tal-omm skond dan il-konvenut kienet li l-konvenut Emanuel jiehu d-dar fil-Fgura.  Ghalkemm dan il-konvenut heggeg lill-hutu sabiex isibu soluzzjoni, dawn baqghu ma waslux, u dejjem baqa’ bit-tama li dawn jaslu u ladarba dawn jiftehmu huwa jiddeciedi.  Huwa jghid li nofs il-postijiet li ghaddielu l-missier kienu digà tieghu peress li wirithom minghand l-omm, izda ried jara x’inhi l-posizzjoni tieghu.  L-attur lanqas m’avvicina lilu sabiex jaghtih xi kumpens ghall-istess sehem li kien wiret minghand l-omm.

Mhux kontestat x’inhuma l-assi formanti parti mill-komunjoni t’akkwisti tal-genituri.  Madankollu hemm kontestazzjoni dwar il-<u>valuri tal-perit *ex parte*</u> imressqa mir-rikorrent (li kienu ippreparati fil-<u>25 ta’ Marzu, 2006</u>):

- appartament numru 1 formanti parti minn blokk t’appartamenti bla numru bl-isem ta’ “Charles Flats”, Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta’ l-imsemmi korp in komun ma’ l-appartament ta’ fuqu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta’ cens annwu u perpetwu ta’ Lm2.50, li huwa mikri lil terzi; (Valutazzjoni perit ex parte Lm9,800);

- appartament numru 2 formanti parti minn blokk t’appartamenti bla numru bl-isem ta’ “Charles Flats”, Cospicua Road, Fgura, bit-tromba tat-tarag u l-istess tarag u il-bejt ta’ l-imsemmi korp in komun ma’ l-appartament ta’ tahtu, liema appartament huwa soggett ghar-rata tieghu ta’ cens annwu u perpetwu ta’ Lm2.50, li huwa mikri lil terzi; (Valutazzjoni perit ex parte Lm9,800);

- s-sotterran bla numru li jgib l-isem "Saint Francis", fi Triq Wigi Rosato, Cospicua, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm2.00, li huwa mikri lil terzi; (Valutazzjoni perit ex parte Lm7,600);

- it-terran bl-isem "Antonia", Hompesch Road, Fgura, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm1.85; (Valutazzjoni perit ex parte Lm29,200);

- L-oggetti mobbli li jinsabu fil-proprjetà tal-Fgura gew elenkati mill-attur konsistenti f'ghamara tal-kamra tas-salott, kamra tal-pranzu, kamra tas-sodda u kcina (fol. 84 tal-process). Filwaqt li tul il-kawza jissemma' b'mod partikolari arlogg tal-hajt, li mhux kontestat li ttiehed mill-konvenut Emanuel Fava. Madankollu l-Qorti tinsab sprovvista minn kwalunkwe' stima relattiva ghal dawn il-mobbli;

- Kont bankarju mal-HSBC f'isem id-decuius Francis Fava li skont statement datata 17 ta' Gunju, 2011 kien fih l-ammont ta' €15,240.80.

- Kont bankarju mal-HSBC f'isem il-genituri tal-kontendenti li skont statement datata 17 ta' Gunju, 2011 kien fih bilanc ta' €18.89.

Din il-Qorti kkunsidrat illi, dwar Immissjoni fil-pussess l-artikolu 726(1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija legat. Fir-rigward il-materja ta' immissjoni fil-pussess ta' prelegat, f'diversi sentenzi u fosthom fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Rose Alden pro et noe et v. Raphael Pace,** tinghata definizzjoni ta' prelegat. F'din is-sentenza jinghad illi:

> *"meta jkun aktar minn eredi wiehed id-decujus jista' jhalli lil wiehed oggett specjali bi preferenza fuq l-ohrajn, u dan jissejjah prelegat b'mod illi l-eredi preferit b'dan it-titolu bhala legatarju jakkwista dak biss li l-ko-eredi ghandhom jaghtuh u bhala eredi jakkwista dak li kien dovut lilu stess."*

Rilevanti wkoll hija s-segwenti silta minn sentenza ohra:

> *"Meta legat ghandux jigi ammess jew eskluz, l-interpretazzjoni ghanda tkun favur il-legatarju, izda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat l-interpretazzjoni ghanda tkun favur l-eredi."* (**Carmelo Said et v. Nutar Dr Giuseppe Cauchi**– Appell Civili - 20 t'Ottubru 1958; **Giovanna Carabott v. Generoso Carabott et** – Prim'Awla - 29 ta' Novembru 1947).

Illi f'sentenza ohra fl-ismijiet **John Buhagiar et v. Registratur tal-Qorti et** ta' din il-Qorti fl- 4 ta' Gunju 2004, jinghad illi:

> *"il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircievi l-haga mhollija lilu b'legat, izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi per modum continuationis u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghal pussess tal-legat. L-Art. 726 espressament jiddisponi li "il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b'legat. Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika."* (Appell Civili **Maurice Busuttil v. Joseph Meli** (1998) Vol. LXXX11.11.674).

Jigi osservat li meta l-legatarju jkun wiehed mill-istess werrieta l-formalità tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghal porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi. Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Agnes Borg v. Charles Zammit et** – deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju 2004, jinghad illi:

> *"il-fatt li l-legatarju jista' gja' jkollu l-pussess fiziku ta' wiehed mill-fondi ma jcahhdux mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali, li trattandosi ta' hwejjeg immobbli trid issir b'att pubbliku."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, jidher li l-azzjoni attrici fil-principju hija wahda valida meta r-rikorrent jittanta jaghmel din il-kawza fil-konfront ta' zewg hutu nominati bhala eredi, sabiex jinghata l-pussess tal-fond immobbli bl-isem "Antonia", Triq Hompesch, il-Fgura, inkluz l-oggetti kollha mobbli fih, fosthom arlogg ta' mal-hajt tas-salott,(eskluzi hagar prezzjuz, flus u televizjoni) mhollija lilu permezz tal-prelegat fit-tielet artikolu tat-testment ta' missieru tas-17 ta' Jannar 2005, fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras esebit bhala Dok. E a fol. 14 *et seq.* tal-process.

Dwar il-facoltà di variare jirrizulta illi permezz tat-tmien artikolu fit-testment *unica charta* datat 24 ta' Mejju, 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras, bejn il-genituri tal-kontendenti, Francis u Antonia konjugi Fava jinghad hekk:

> *"Fl-ahharnett l-istess kontestaturi jaghtu lis-superstiti fosthom il-fakoltà li ghas-sehem tieghu proprju huwa jkun jista jiddisponi diversament minn dan it-testment bla ma jinkorri fil-penalitajiet komminati mil-ligi."*

L-artikolu 592(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk kemm-il darba t-testment *unica charta* jithassar minn wiehed mit-testaturi kwantu ghall-assi tieghu, jibqa' shih kwantu ghall-assi tal-iehor. Jigifieri l-ghazla li kull parti jkollha hija l-fakoltà li tbiddel xi parti mid-disposizzjonijiet fit-testment relativi ghaliha stess.

Madankollu, t-testatur Francis Fava filwaqt li jaghmel referenza ghall-fakoltà moghtija lilu mill-mejta martu Antonia Fava permezz tat-testment tieghu testment, in atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tas-17 ta' Jannar 2005, peress li filwaqt li jirrevoka kull testment iehor maghmul minnu, kemm separatament u kemm konguntament, jmur oltre', fis-sens li ma jhassarx biss id-disposizzjonijiet relattivi ghalih fit-testment unica charta, izda jaghmel ukoll disposizzjonijiet li jirrigwardaw sehem il-mara defunta tieghu.

Fil-kuntest il-Qorti tikkonsidra, illi l-artikolu 696(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> *“**696. (1)** Il-legat tal-haga ta’ haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu; f’dan il-kaz il-werriet jista’ jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b‘legat sabiex jghaddiha lill-legatarju, jew li jhallas lill-legatarju l-valur gust taghha.”*

Il-konvenuti permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni rispettiva taghhom jghidu li dan id-dispost mhux applikabbli ghall-kaz odjern peress li l-legati in kwistjoni jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri taghhom. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragonament anke peress li l-gurisprudenza recenti tghallem mod iehor. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi jekk wiehed jara l-ahhar imsemmi testment ta’ Francis Fava, wiehed jinnota li ghal kull prelegat li jhalli lill-legatarji hemm imsemmija, kemm fil-kaz tal-immobbli, kif ukoll fil-kaz tal-mobbli, it-testatur jiddikjara li l-oggett imholli bhala prelegat mhux kollha huma ta’ proprjetà tieghu, peress li jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti già ezistenti bejnu u bejn il-mara tieghu li kienet lahqet mietet qabel, madankollu jesprimi r-rieda tieghu li kull prelegat imholli minnu jkollu l-effett pjen tieghu. Jigifieri jsegwi li t-testatur kien qieghed jiddisponi wkoll minn sehem martu, billi ddikjara li l-oggetti tal-prelegat ma kenux jappartjenu lilu fl-intier taghhom. Din id-dicitura tat-testment tirrifletti dak li jiddisponi l-Artikolu 698 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> *“**698.** Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha.”*

Ghalkemm it-testatur jimxi fedelment mal-provvedimenti tal-ligi, huwa nkontestat bejn il-partijiet fil-kawza li l-assi kollha tal-komunjoni kienu jappartjenu liz-zewg genituri f’ishma ugwali. Dan ifisser li s-sehem tal-mara kien digà ghadda ghand il-werrieta taghha hekk kif dispost minna fit-testment

*unica charta* jigifieri n-nofs tal-mara ma kienx jappartjeni lit-testatur li kif jirrileva r-rikorrent fl-istess nota tieghu:

> "*Francis Fava, dan ta' l-ahhar ma akkwista ebda sehem in pjena proprjetà izda biss "b'titolu ta' legat l-uzu u l-uzufrutt tal-generalità tal-assi ereditarji taghhom reciproku". B'hekk allura s-sehem ta' Antonia Fava fi kwota ta' nofs indiviz gie devolut fuq it-tlett uliedhom u cioé l-attur u z-zewg konvenuti f'din il-kawza.*"

Ladarba dan il-principju huwa nkontestat mill-attur, ghandu logikament isegwi li l-attur ghandu jikkumpensa lill-hutu ghas-sehem ta' l-omm li kien lahaq ghadda fuqhom u li issa qieghed jitlob l-immissjoni fil-pussess taghhom. B'hekk l-eredi jkollhom ghazla quddiemhom, liema ghazla ggib maghha obbligazzjonijiet - jew jiddeciedu li jakkwistaw il-legat mholli lill-legatarju jew li jhallsu l-valur gust tal-haga mhollija b'legat.

L-uniku eredi li accetta l-wirt tal-missier minghajr ebda rizervi ta' xejn huwa l-attur. Madankollu mix-xhieda tieghu in kontro-ezami, jirrizulta bl-aktar mod car li huwa qieghed jichad li huwa ghandu jikkumpensa lill-konvenuti ghal dak is-sehem li kien ghadda fuqhom permezz tal-wirt ta' l-omm meta jghid:

> "*Jiena ma ppruvajtx nixtrih sehem ommi. Jien il-post qieghed fuqi u ma kellix ghalfejn nixtrih*." (fol. 141 tal-process).

Illi l-konvenuti jaghmlu referenza siewja ghal sentenza ta' din il-Qorti li kellha cirkostanzi simili ghal dawk in ezami, senjatament dik tal-10 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet: **Emanuel sive Noel Bugeja et v. Carmelo sive Lino Bugeja et**, fejn kien ritenut illi:

> "*Ghalkemm it-testatur mexa mal-Art. 696 tal-Kap. 16 ghal dak li jirrigwarda l-validità tad-disposizzjoni, l-istess disposizzjoni però titfa' fuq l-eredi obbligazzjonijiet jekk kemm-il darba huma jiddeciedu li jakkwistaw il-legat imholli lill-legatarju....*
> *Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi l-atturi ma ghamlu l-ebda dikjarazzjoni, kif jirrikjedi l-Art. 696(1)*

*tal-Kap. 16, illi huma kienu lesti li jikkumpensaw lill-konvenut tal-legat ta' uzu u ta' abitazzjoni, u ta' sehemu (indaqs bhall-hames hutu l-ohra) mill-kwart indiviz tal-fond in kwistjoni li ddevolvew favur tieghu skond it-testment ta' Maria Concetta Bugeja tat-28 ta` Gunju 1986. Ghalkemm l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom, qeghdin jirrifjutaw li jaghtu lill-konvenut dak li lilu jispetta mill-wirt tal-omm kontra dak li jipprevedi l-Art. 732 tal-Kap.16. Sabiex l-Art. 696(1) isib applikazzjoni fl-interezza tieghu, l-atturi kienu fl-obbligu, ladarba ghazlu li jakkwistaw ghalihom il-legat tal-fond in kwistjoni, li jaghtu valur gust lil dak li l-konvenut kien kiseb fir-rigward tal-istess fond mill-wirt tal-omm. Mhux biss dan ma jirrizultax illi sar izda l-atturi kjarament qeghdin jeskludu b`mod assolut illi ghandhom jaghmlu dan."*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u taghmlu taghha u ghall-istess raguni tirrileva li l-azzjoni attrici hekk kif imressqa fil-kaz odjern ma tistax tirnexxi ladarba l-pretensjoni tar-rikorrent hija bbazata fuq il-premessa li jinghata l-legat imholli lilu minghajr ma jikkumpensa debitament lill-hutu ta' sehem l-omm li kien lahaq ghadda fuqhom wara l-mewt ta' l-omm. Jinghad ukoll li dan il-principju jghodd kemm ghall-immobbli, kif ukoll ghal mobbli li jinsabu jew kienu jinsabu fil-fond tal-Fgura fil-mument li miet il-missier.

Ghalhekk it-tielet u r-raba' eccezzjoni taz-zewg konvenuti rispettivament jirrizultaw misthoqqa.

Fil-kuntest ta' accettazzjoni jew rinunzja ta' wirt, il-ligi tipprovdi illi filwaqt li l-accettazzjoni ta' wirt tista' tkun espressa jew tacita (artikolu 850 (1) tal-Kodici Civili), ir-rinunzja ghal wirt ma tistax tkun prezunta (artikolu 860 (1) tal-Kodici Civili).

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni rispettiva taghhom, il-konvenuti jirrilevaw:

Fil-kaz ta' Emanuel Fava, li mhuwiex il-legittimu kontradittur peress li fil-15 ta' Novembru, 2006 huwa ddikjara li m'accettax il-wirt dovut lilu mis-successjoni ta' missieru Francis Fava,

filwaqt li zamm ferm id-dritt rizervat lilu skond il-ligi u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-attur jikkontendi li kien hemm accettazzjoni tacita tal-wirt da parti tal-konvenut Emanuel Fava peress li qabad u ha l-arlogg tal-hajt, fost affarijiet ohra li ghalih jikkostitwixxi *atto di erede*. Da parti tieghu l-konvenut jichad dan kategorikament filwaqt li jikkontendi li dan l-arlogg hadu minhabba li kien imholli lilu b'wirt minghand l-omm. L-attur ikompli li peress li l-konvenut dam jahsibha jekk jaccettax il-wirt jew le u peress li pprova diversi drabi jasal f'arrangament, jikkontendi li r-rinunzja saret in *mala fede*.

Minn naha tieghu l-konvenut Emanuel Fava jikkontendi li filwaqt li huwa minnu li ghamel xi zmien jikkontempla dak li kellu jaghmel fl-ahjar interess tieghu, hekk kif intitolat li jaghmel skond il-ligi, ferm qabel ma nfethet il-kawza odjerna, permezz ta' nota pprezentata fis-Sekond'Awla, huwa ddikjara li ma kienx qieghed jaccetta l-wirt dovut lilu mis-successjoni ta' missieru salv id-dritt tieghu ghall-porzjon rizervat skond il-ligi u jghid ukoll li ladarba rrinunzja ghall-wirt tal-missier, huwa ghandu jigi meqjus bhala terza persuna li lilha tappartjeni nofs it-terran gewwa l-Fgura u ghalhekk dawn il-proceduri ma jistghux jirnexxu fil-konfront tieghu.

Hawnhekk issir referenza ghal sentenza ohra ta' din il-Qorti tat-3 t'April, 2003, fl-ismijiet **Joseph Gauci et v. Jane Galea et,** fejn intqal is-segwenti:

> *"L-artikolu 869 tal-Kodici Civili, però, jghid li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax issir aktar minn tlett xhur wara l-ftuh tas-successjoni, f'kaz biss li dawk il-werrieta "jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt",* ***u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredità, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt.*** *Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza, "Borg noe vs Camilleri et", deciza fit-2 ta' Novembru, 1995, qalet illi sakemm werriet ma jaghmel ebda atto di eredità, jista' jirrinunzja, u jitqies bhal li kieku qatt ma kien werriet.*

*Issa, f'dan il-kaz, ma giex allegat li r-rikorrenti kellhom fil-pussess taghhom oggetti tal-wirt, izda qed jigi allegat illi huma ghamlu atto di eredità...*

*Kif inhu risaput, l-accettazzjoni tal-wirt tista' tkun espressa jew tacita. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Camilleri vs Aquilina et", deciza fit-13 ta' Ottubru, 1983, l-accettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun accettat f'kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun tacita meta l-eredi jaghmel att li necessarjament timplika r-rieda tieghu li jaccetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jaghmel hlief fil-kapacità tieghu ta' eredi. Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredità (ara Vol. XLVI.1.214).*

*.... Kif jghid il-Baudry – Lacantinerie ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", "Delle Succesioni", Vol III para. 1114), "per sapere se un atto implichi immistione, cioé, accettazione tacita,* ***si deve considerare di preferenza la veste in cui il successibile credette di compierlo, anziche' quella con cui egli in realtà lo ha compuito****." (enfasi mizjuda minn din il-Qorti).*

Hija l-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz in ezami, jirrizulta ppruvat li l-konvenut Emanuel Fava m'accettax il-wirt ta' missieru fis-sens li saret il-prova tar-rinunzja ghall-eredita' ta' missieru Francis Fava, hekk kif titlob il-ligi u ma jidhirx li hemm cirkostanzi cari u univoci li jwasslu ghall-konkluzjoni li tali rinunzja ghandha titqies invalida peress li kienet preceduta b'atto di erede. Madankollu huwa ritenut li jkun indikat li dan il-konvenut jibqa' fil-kawza stante li huwa zamm id-dritt rizervat lilu skond il-ligi u ghalhekk isegwi li ghandu interess li jibqa' fil-kawza in kwantu s-sehem rizervat, skond l-Artikolu 615 tal-Kodici Civili, huwa meqjus bhala jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat bil-ligi, u l-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet u possibilment dritt ghall-hlas t'imghaxijiet.

(a) Fil-kaz ta' Joseph Fava, dan ta' l-ahhar jeccepixxi l-intempestività tat-talba attrici peress li huwa ghadu ma

ddecediex dwar il-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-wirt tal-missier.

Fil-mori tal-proceduri baqa' ma ddikjarax l-intenzjoni tieghu jekk hux bil-hsieb li jaccetta jew le l-eredita tal-missier Francis Fava, peress li jikkontendi li mhux f'posizzjoni li jiddeciedi x'ser jaghmel qabel ma jiftehmu hutu bejniethom, dan anke peress li l-attur qatt m'avvicinah u mhux qieghed jaccetta li huhom ghandu jinghata kumpens ghas-sehem li kien wiret minghand ommhom. Inoltre l-fatt li dan il-konvenut ghamel il-*causa mortis* flimkien mal-attur, ma tistax tigi meqjusa bhala accettazzjoni tacità ta' l-eredità (artikolu 33 (5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-konvenuti fin-noti taghhom jaghmlu referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Superjuri tal-4 t'April, 2008, fl-ismijiet **Agnese Farrugia v. Emanuel sive Noel Buttigieg et,** fejn f'sitwazzjoni simili intqal minn dik il-Qorti:

> *"Kif tista' Qorti tikkundanna persuna sabiex taghti lill-legatarju l-pussess ta' legat jekk ghadha m'accettatx l-wirt? Min ghadu ma ddeliberax li jaccetta l-eredità jew li ma jaccettahiex, ma ghandux jigi kkundannat jaghti l-pussess tal-haga lill-legatarju in kwantu ma jkunx jista' jigi kkunsidrat bhala werriet iktar u iktar meta wiehed iqis li l-pussess materjali jidher li qieghed f'idejn l-attrici...."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, l-attur biss ghandu access ghall-fond tal-Fgura peress li kien hu stess li biddel is-serratura. Ghalhekk ukoll, dan il-fatt jidher li huwa ta' ostakolu ghall-azzjoni attrici, li fic-cirkostanzi ma tistax tirnexxi.

F'din l-ahhar sentenza msemmija ssir rassenja wkoll ta' gurisprudenza dwar l-accettazzjoni t'eredità li ser tigi riprodotta peress li hija meqjusa rilevanti ghall-kaz odjern:

> *"Però l-Qorti pjuttost taqbel mal-fehma li addottat l-istess Qorti fil-kawza* ***Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et*** *deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn osservat li "Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita "dan ried ikun tali li certament,*

*necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredità. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni fl-ismijiet "**Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrugia et**", Appell Civili, 30 ta' April 1962". Ziedet tghid ukoll li "…jinsab ukoll akkolt illi "nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredità, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l'eredità" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".*

Meqjusa l-posizzjoni mehuda mill-konvenut l-iehor Joseph Fava permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, li ghadu ma ddecidiex jekk jaccettax il-wirt jew le, u in vista tal-fatt li l-ligi tipprovdi li rinunzja ghal wirt ma tistax tkun prezunta, huwa ritenut li jkun opportun li dan il-konvenut ghandu jinghata zmien xahar sabiex jiddikjara l-intenzjoni tieghu jekk hux fil-hsieb li jaccetta jew jirrinunzja ghall-wirt permezz ta' nota li ghandha tigi pprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-atti ta' din il-kawza u li fin-nuqqas jigi appuntat kuratur peress li l-wirt sakemm ma jkunx accettat, jitqies battal.

Ghalhekk decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Emanuel Fava ghandha tigi sospiza f'dan l-istadju, mentri sejjer jinghata provvediment bil-mod kif inghad fil-kaz tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Joseph Fava.

In kwantu t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur, (rigward il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, qasma tal-wirt u nomina ta' nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv) kif jirrizulta mill-provi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-assi formanti parti mill-komunjoni t'akkwisti. Il-kontenzjoni da parti tal-konvenuti hija dwar il-valutazzjoni *ex parte* mressqa da parti tar-rikorrent. L-attur gustament jikkontendi li l-Qorti ghandha toqghod fuq l-istimi

tal-perit mressqa minnu ladarba ma kenux kontrastati permezz ta' xi valutazzjonijiet ohra *ex parte* da parti tal-konvenuti li llimitaw ruhhom biss li jirrilevaw li qeghdin jikkontestaw tali stimi. Huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-Qorti tista' toqghod fuq il-valuri *ex parte* ladarba la gew kontestati bi provi konkreti, u lanqas gew mghoddija mill-iskrutinju tal-kontro-ezami tal-perit in kwistjoni, fakultà moghtija lill-konvenuti li ghazlu li ma jaghmlux uzu minnha.

Madankollu kif osservat qabel, ma saret ebda valutazzjoni tal-oggetti mobbli kollha li kienu fil-fond tal-Fgura, fil-mument tal-mewt tad-*decuius*, inkluz l-arlogg tal-hajt li ttiehed mill-konvenut Emanuel Fava. Ghalhekk din il-Qorti tqis opportun li jigi nominat espert minnha bil-ghan li jigi stabbilit il-valur tal-oggetti kollha elenkati a fol. 84 tal-process, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jistghu jinsabu fil-pussess tal-kontendenti fil-kawza, li ttiehdu mill-fond *de quo* qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna divizjoni tal-wirt. Ghal dan il-ghan, il-Qorti sejra tinnomina lil Vincent Ciliberti sabiex iwettaq dan l-inkarigu u tissospendi l-ghoti tas-sentenza fuq dawn it-talbiet tar-rikorrenti.

Ghalhekk ghar-ragunijiet imsemmija l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Filwaqt li tichad l-ewwel talba tar-rikorrent, tilqa' it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet rispettivi tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Charles Fava.

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-konvenut Emanuel Fava rrinunzja ghall-wirt ta' Francis Fava, in vista tal-provvedimenti tal-Kodici Civili, tissospendi l-ghoti ta' sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Emanuel Fava, filwaqt li in kwantu t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Joseph Fava, tordna li dan ghandu jiddikjara l-intenzjoni tieghu jekk hux fil-hsieb li jaccetta jew jirrinunzja ghall-wirt permezz ta' nota li ghandha tigi pprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-atti ta' din il-kawza, fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u li fin-nuqqas jigi appuntat kuratur peress li l-wirt sakemm ma jkunx accettat, jitqies battal.

Ghar-ragunijiet moghtija tissospendi wkoll l-ghoti tas-sentenza dwar t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent u tahtar lil Vincent Ciliberti sabiex iwettaq il-valutazzjonijiet mehtiega tal-mobbli kollha appartenti l-fond li kienu jinsabu fil-fond 171, "Antonia", Triq Hompesch, Fgura, fil-mument tal-mewt ta' Francis Fava, inkluz l-arlogg tal-hajt li ttiehed mill-konvenut Emanuel Fava.

Tiddiferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni ghas-seduta ta' 4 ta' Mejju 2016.

Spejjez tal-kawza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali, salv dawk relatati ma' l-ewwel talba tar-rikorrenti li ghandu jbati l-ispejjez relattivi taghha.

IMHALLEF

DEP/REG